MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 504/2010

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
**(bhala successur fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita' Marittima ta' Malta)**
**ta' Malta Transport**
**vs**
**Brian Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob is-somma ta' disa' mija u zewg ewro u tnejn u sittin centezmu (€902.62) rapprezentanti hlas ghall-irmiggjar provduti lilu mill-awtorita' mittenti. Illi l-konvenut ghamel uzu minn facilitajiet ta' irmiggjar (*berthing facilities*) fil-marina gestita mill-Awtorita' attrici gewwa l-Imsida fuq bazi temporanju, fir-rigward tal-*boat* 'CRICKET'.

Illi l-konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammont dovut anke permezz ta' ittra legali datata 26 ta' Ottubru, 2009 u ittra ufficjali mahruga *ai termini* tal-

artiklu 166A tal-kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ufficjali giet ikkontestata *da parte* tal-istess intimat, dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi l-hlas mitlub m'huwiex dovut stante li m'huwiex mahdum kif ghandu jkun.

Illi l-hlas m'ghandux jinhadem a bazi ta' kuntratt ta' irmegg temporanju stante illi r-rispondent ilu jirmiggja d-dghajsa tieghu fil-marina in kwistjoni ghal numru ta' snin hu huwa ormaj tal-post.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa eccessiv u ezagerat.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza;

Sema' x-xhieda ta' Christopher Schembri w Brian Darmanin;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi attrici jirrizulta li din hija talba ghal hlas ta' somma rapprezentanti hlas ta' irmegg li baqa' ma thallasx mill-konvenut. Il-konvenut qieghed jikkontendi li huwa m'ghandux jaghti l-ammont mitlub ghaliex huwa kont mahdum hazin u mhux skont il-ftehim li huwa kellu mall-Awtorita' attrici.

Ir-rapprezentant tal-Awtorita' attrici, Christopher Schembri, spjega kif huma joffru servizzi u facilitajiet ta' irmegg lill-klijenti fuq bazi annwali, jew sitt xhur b'sitt xhur jew inkella xahar b'xahar. It-Tariffi huma differenti skont il-perjodu tal-irmegg. Spjega kif il-konvenut kien qieghed a bazi ta' rata stagjonali skont it-tariffa fl-iskeda li tohrog b'Avviz Legali. Huwa spjega kif fil-mizata li jhallas il-klijent, ikun hemm inkluz mal-irmegg hlasijiet ghas-servizzi tad-dawl u l-ilma

ukoll, anke jekk ma jigux uzati. Sostna li l-mizata hija wahda (*flat rate*) u mhux divizibbli. Spjega ukoll kif hemm *surcharge* ta' tletin fil-mija (30%) f'certi kazijiet izda mhux f'dan il-kaz. Huwa spjega kif id-dghajsa tal-konvenut hija wiehed u tletin (31) pied u tigi ccargjata bhala dghajsa ta' ghaxar (10) metri. Qal ukoll illi t-tariffa tal-mizata gholiet fl-2009 skont l-Avviz Legali 499/10, u saru certi kambjamenti.

Il-konvenut spjega kif id-dghajsa tieghu ta' wiehed u tletin (31) pied kienet ilha irmeggata fil-Marina tal-Pieta' ghall-ahhar sitt snin. Peress illi kien ikun infurmat mill-Awtorita' Marittima illi ma kienx hemm irmegg tal-fiss, kien jigi ccargjat mizata ta' sitt xhur b'sitt xhur. Huwa kien ihallas dan is-servizz li jkopri d-dawl u l-ilma ukoll, izda spjega li fejn huwa kien qieghed irmeggjat huwa kellu biss is-servizz tal-ilma u mhux tad-dawl. Spjega ukoll illi d-dghajsa tieghu tinsab irmeggjata mall-hajt tal-marina tal-Pieta' u mhux mall-pontun. Gara li f'Mejju tal-2009 huwa mar sabiex ihallas il-mizata tas-soltu *temporary fee* w induna li din id-darba kellu *charge* tad-dawl u l-ilma li qabel ma kienx ikollu u ma riedx ihallashom. Illi minhabba l-fatt illi huwa ma riedx ihallas ghal servizz li huwa ma kellux, beda jircievi kont xahar b'xahar minflok stagjonali sitt xhur b'sitt xhur. Qal ukoll illi anke jekk ried l-uzu tal-elettriku dan ma kienx disponnibbli ghalih ghaliex fejn kien irmeggjat ma kienx hemm servizz tad-dawl u kellu biss is-servizz tal-ilma. Huwa ried ihallas il-kont normali izda dan ma giex accettat minn naha tal-Awtorita' attrici. Il-konvenut sostna li huwa dispost ihallas tariffa inkluz l-uzu tal-ilma izda mhux tal-elettriku ghaliex m'huwiex qieghed jigi provdut dan is-servizz.

It-Tribunal quddiemu ghandu Avviz Legali numru 499/10 li jinkludi mizata ghall-moll bis-servizzi. Il-moll bis-servizzi jinkludi s-servizzi tal-ilma, l-eletriku u t-telefown. Illi skont l-iskeda ghandu jkun hemm hlas ghall-irmegg skont il-kejl tad-dghajsa, apparti *charge* ghall-ilma u l-elettriku bir-rata ta' erbgha u ghoxrin ewro (€24) ghal kull metru tad-dghajsa ghal kull sena fuq mollijiet u *pontoons*, li jkollhom is-servizzi izda li ma jkollhomx arloggi tal-ilma u l-elettriku. Spjega ukoll illi bejn Ottubru, 2008 sa Mejju, 2009 d-

dghajsa tieghu kienet ghal perjodu qasir irmeggata ma' pontun u dan ghaliex kellu bzonn jaghmel xi manutenzjoni fuq id-dghajsa tieghu. Illi dak iz-zmien huwa kien qieghed bi ftehim ta' sitt xhur b'sitt xhur u kien jinkludi dawl u ilma izda mhux bhala *extra charge*.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi skont l-iskeda l-gdida hemm mizata ghall-irmegg u *extra charge* ghad-dawl u l-ilma. Illi r-rata t' erbgha u ghoxrin ewro (€24) hi ghal kull sena fuq mollijiet u *pontoons* li jkollhom is-servizzi izda bla arlogg. Din l-*extra charge* hija *flat rate* li tinkorpora d-dawl u l-ilma. Illi jirrizulta lit-Tribunal illi fil-kaz in ezami il-konvenut ghalkemm kellu s-servizz tal-irmegg ma kellux is-servizz tad-dawl u l-ilma offrut flimkien, izda tal-ilma biss.

It-Tribunal ra li l-ammont tat-talba in kwistjoni tirrifletti l-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2009 sal-25 ta' Settembru 2009, xahar b'xahar ghaliex l-awtorita' attrici uzat id-diskrezzjoni taghha u bidlet il-mizata u ma hallietux iktar ihallas bis-sitt xhur b'sitt xhur ghaliex ma kienx qieghed ihallas u talbitu mizata xahar b'xahar. It-Tribunal ra li ghall-perjodu tat-talba, l-konvenut kien irmeggjat mall-hajt tal-Pieta' u ma kellux l-uzu tad-dawl ghaliex dan is-servizz ma kienx provdut lilu mill-istess awtorita'. Illi t-tariffa l-gdida ssemmi tariffa separata ghall-irmegg u tariffa ghas-sevizz tad-dawl u ilma permezz ta' *flat rate* jekk ma jkunx hemm arlogg.

It-Tribunal huwa sodisfatt mill-provi kif konfermat mir-rapprezentant tal-awtorita' attrici, li l-konvenut ma kellux facilita' ghas-servizz tad-dawl. Illi l-konvenut kien qieghed bit-tariffa ta' sitt xhur b'sitt xhur ghaliex l-awtorita' attrici ma kienetx ghadha sabitlu irmegg fiss u ghaliex ipprotesta u ma riedx ihallas ghal servizz li ma kienx qieghed jigi provdut lilu, l-awtorita' attrici uzat id-diskrezzjoni taghha u bidlet it-tariffa. Illi meta huwa rrifjuta jhallas ghal servizz li ma kienx qieghed jkun provdut, l-awtorita' attrici bidlet it-tariffa ghal xahar b'xahar li hija rata ferm oghla minn dik ta' sitt xhur b'sitt xhur. Il-konvenut kemm-il darba nforma lill-awtorita' attrici li huwa kien dispost ihallas il-mizata ta' l-irmegg u ghas-servizz tal-ilma pero' mhux ghad-dawl li ma kellux. Il-konvenut qatt ma qal li ma jridx ihallas, izda

ma riedx ihallas bir-rata l-gdida ghaliex fil-fehma tieghu ma kelliex tapplika r-rata l-gdida. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut kien dispost ihallas r-rata stagjonali ta’ seba’ mija u hamsa u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€765.81) ghax-xhur li ma kienx hallas. Sema’ ukoll illi minn dak l-ammont ghandu jitnaqqas ir-rata *extra* ghad-dawl hlief ghal xahar wiehed fejn huwa kien uza s-servizzi fis-somma ta’ ghoxrin ewro (€20).

It-Tribunal ra li fis-somma ta’ seba’ mija u hamsa u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€765.81) rata stagjonali hemm inkorporati mitt ewro (€100) dawl u ilma. Illi r-rata mensili hija ta’ mija u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€180.53).

Mill-provi li sema’, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenut ghal tul is-snin talab illi jinstablu irmegg fiss. Illi huwa kien sodisfatt bir-rata stagjonali ta’ sitt xhur b’sitt xhur fic-cirkostanzi. Illi l-konvenut kien ilu klijent tal-awtorita’ attrici ghall-oltre hames snin. Illi tul dawn is-snin baqa’ jhallas bir-rati stagjonali. Illi meta l-konvenut ma riedx ihallas bir-rata l-gdida li kienet ziedet *extra charge* ghal dawl u ilma huwa rrifjuta li jhallas ghal dan is-servizz ghaliex huwa ma kienx gie provdut is-servizz tad-dawl ghalkemm kellu servizz tal-ilma.

Illi b’sens ta’ gustizzja w ekwita’ t-Tribunal jhoss illi galadarba klijent ma jkunx qieghed jkun provdut b’servizz m’ghandux jigi ccargjat ghalih. Illi t-Tribunal sema’ lil-konvenut jispjega li fejn huwa rmeggjat fil-marina, fil-Pieta,’ m’ghandux s-servizz tad-dawl. Ir-rapprezentant tal-Awtorita’ attrici kkonferma dan izda qal illi kien hemm perjodu fejn l-irmegg kien gie spostat u l-konvenut kellu is-servizz tad-dawl. Il-konvenut qabel illi ghax-xahar ta’ Mejju tal-2009 waqt illi huwa kien qieghed jaghmel xoghol tal-manutenzjoni fuq id-dghajsa tieghu huwa kien sposta d-dghajsa ghal fuq pontun u ghamel uzu tad-dawl izda wara li tlestew ix-xoghlijiet huwa rritorna d-dghajsa tieghu fl-irmegg mall-hajt tal-marina tal-Pieta.’

Illi t-Tribunal ma jidhirlux illi konsumatur ghandu jhallas ghal servizz li ma jinghatax u ghaldaqstant, l-awtorita’

attrici ma tistax tippretendi hlas minn klijent taghha ta' servizz li m'huwiex qieghed jigi pprovdut lilu.

It-Tribunal jifhem illi hemm Avviz Legali *in vigore* li jistabilixxi r-rati. Izda dawn ir-rati jistghu biss ikunu applikati meta s-servizz ikun jista' jinghata u sta ghall-awtorita' li tuza d-diskrezzjoni skont il-kaz mall-klijent.

Illi f'dan il-kaz huwa car u manifest illi m'hemmx servizz ta' dawl fl-irmegg fejn tinsab id-dghajsa '*Cricket'* tal-konvenut. Illi zgur li jkun kaz ta' *unjustified enrichment* li kieku l-awtorita' attrici tithalla ticcargja ghal servizz *extra* meta hemm impossibilita' li dan is-servizz jinghata. Ghaldqastant, it-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut ghandu jbati ghal *charges* ta' servizz li mhux qed jinghata.

Illi huwa pacifiku li konsumatur m'ghandux ihallas ghal servizz li ma jkunx qieghed jinghata. Illi jekk l-awtorita' attrici qieghda toffri servizz ta' irmegg minghajr s-servizz tad-dawl, hija m'ghandhiex ticcargja ghal dan is-servizz jew jekk tinsisti li ticcargja ghal dan is-servizz hija ghandha ccaqlaq d-dghajsa ghal-post ta' irmegg fejn hija tkun tista' tapplika dawn ir-rati liberament izda mhux li tezigihom mill-klijent meta huwa ma jgawdix minn tali servizz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut kellu jibqa' jigi ccargjat rata stagjonali u cioe fl-ammont ta' seba' mija u hamsa u sittin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€765.81) u li minnhom ghandhom jitnaqqsu *charges* tad-dawl ghal erba' xhur peress li l-konvenut kien uza dawl minn pontun appartenenti lill-awtorita' attrici ghal xahar wiehed biss. Illi rigward *charges* tal-ilma u dawl ghalkemm huma *charges* globali, t-Tribunal *arbitrio boni viri* qieghed japporzjona l-ammont ta' hames ewro (€5) fix-xahar ghas-servizz tal-ilma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-awtorita' attrici fis-somma limitata ta' sitt mija, disa' u  tmenin ewro u wiehed

u tmenin centezmu (€689.81) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------